31999D0874

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

ta' l-10 ta' Diċembru 1999

li temenda d-Deċiżjoni 93/70/KEE dwar il-kodifikazzjoni għal messaġġ "Animo" biex tinkludi ċerti tipi ta' proteina mammifera pproċessata

(notifikata taħt id-dokument numru C(1999) 4251)

(Test b'relevanza għaż-ŻEE)

(1999/874/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 90/425/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 li tikkonċerna kontrolli veterinarja u żootekniċi applikabbli f'kummerċ intra-Komunitarju f'ċerti annimali ħajjin u prodotti bl-iskop ta' kompletazzjoni tas-suq intern [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 92/118/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 20(3) tagħha,

Billi:

(1) Għal għarfien malajr ta' messaġġi-Animo, bid-Deċiżjoni 93/70/KEE [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 98/168/KE [4], il-Kummissjoni speċifikat il-kodiċi li għandhom jintużaw għall-annimali u l-prodotti ta' l-annimali.

(2) Bid-Deċiżjoni 97/735/KE [5], il-Kummissjoni stabbilit dispożizzjonijiet ġodda dwar il-kummerċ f'ċerti tipi ta' skart ta' l-annimali mammiferi. Dawk id-dispożizzjonijiet stipulaw b'mod partikolari li l-Istati Membri ta' oriġini u ta' destinazzjoni ta' merkanzija għandhom jinfurmaw lil xulxin bit-tip u bid-destinazzjoni ta' l-aħħar permezz tan-*network* komputeriżżat Animo.

(3) Bid-Deċiżjoni 98/168/KE, il-Kummissjoni emendat id-Deċiżjoni 93/70/KEE biex tissuplimenta l-kodiċi użati f'ċerti tipi ta' skart ta' l-annimali mammiferi.

(4) F'dan il-każ, il-kodiċi emendati għal annimali ħajjin u prodotti ta' l-annimali jidhru inkompleti u l-prodotti neqsin għandhom jiġu inklużi.

(5) Il-miżuri pprovduti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Anness li jinsab mad-Deċiżjoni 93/70/KEE hu b'dan emendat kif ġej:

dan li ġej huwa miżjud mal-punt 12 "Proteina pproċessata ta' l-annimali kemm jekk intiża għall-użu fl-għalf kemm jekk le (*meals* u *greaves*) - ikel ta' annimali miżmuma fid-dar" tal-Kapitolu "I.3 PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI":

---

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 29.
[2] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[3] ĠU L 25, tat-2.2.1993, p. 34.
[4] ĠU L 62, tat-3.3.1998, p. 37.
[5] ĠU L 294, tat-28.10.1997, p. 7.

	1	2	3
"05 Proteina pproċessata minn annimali mammiferi intiża għall-użu fl-għalf, mhux inkluża fil-punt 12-01			
01 - Il-Laħam u l-fertiliżżant minn għadam ta' l-annimali mfarrka	47010501000000		
02 - *Blood meal*	47010503000000		
03 - *Boneflour*	47010504000000		
04 - *Greaves* imnixxfa	47010508000000		
05 - Taħlitiet ta' dawn il-*meals*	47010599000000"		

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fl-10 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni